**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 75

**Il-Ġimgħa 11 ta' Mejju2018**

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5:00p.m. ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar– Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri –Kunsillier
Is-Sur Salvu Farrugia – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**

**ASSENTI**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Georgette Borg– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudippresedjat il-laqgħa.

**75.1 Introduzzjoni**

75.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17.10hrs b'introduzzjoni mis-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

75.1.2 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezzjonijiet tagħhom għall-minuti nr 73ta' 11ta' April 2018 u nr 74 tas-26 ta' April 2018.

75.1.3 Korrezzjonijiet ma kienx hemm fuq il-minuti u fuq proposta tas-Sur Salvu Farrugia sekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia minuti nr 73 tal-11 t'April 2018 u nr 74 tas-26 ta' April 2018 ġew approvati unanimament.

**75.2 Punti mqajma mill-minuti**

75.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet kif bqajna fuq is-signs tal-give priorioty ta' Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela.

75.2.2 Is-Segretarju nfurmat li għalkemm ma kienx hemm qbil unanimu fuq dawn il-give priority signs, kienet intbagħtet talba lit-TM imma s'issa ma rċevejna l-ebda risposta.

75.2.3 Is-Sinjorina LorraineFarrugia nfurmat li hija kienet marret tara post ġo Ħal Lija biex tara huwiex addattat bħala uffiċċini tal-Kunsill.

75.2.4 Hija qalet li dan il-post jikkonsisti f'kitchenette, karma tal-banju u tlett kmamar b'kera ta' €660 kull xahar dawl u ilma għall-Kunsill u l-kuntratt isir kull tlett snin.

75.2.5 Il-Kunsill għandu jagħmel appuntament mas-sid il-post f'Tal-Mirakli biex jarawh.

75.2.6 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq nr 73.3.55 fuq il-kommemorazzjoni tal-waqgħa ta' l-ajruplan ta'l-Spite Fire ġo Ħal Lija.

75.2.7 Hija nfurmat lill-Kunsill li irċeviet messaġġ ta' ringrazzjament li l-attivita' kienet suċċess kbir u li l-Kunsill kien protagonist u parti mill-organizzazzjoni.

75.2.8 Il-Viċi Sindku, s-Sinjorina Stephanie Cutajar, staqsiet kif bqajna fuq l-ilment li hija ressqet fuq il-*butcher* li kien qed jisgromba l-bankina bi stands tal-ħaxix.

75.2.9 Is-Segretarjunfurmat li hija kienet kellmet lill-*butcher* u kellu idaħħal din l-istand. Hija qalet li l-għada li kellmitu, dan l-istand kien tneħħa.

75.2.10Is-Segretarju nfurmat ukoll li t-TM ma kienix approva t-talba tal-butcher biex jagħmel din l-istand fuq il-bankina.

75.2.11 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li ghandna nistaqsu lis-sit jekk ghandux permess ta' Hawker.

## 75.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU /VIP LIST

75.3.1 Is-Segretarju ppreżentat tlett kwotazzjonijiet biex jinxtara printer għal area tal-Customer care peress li dan ma għadux jaħdem.

75.3.2 Mit-tlett kwotazzjonijiet intagħżelt l-irħas waħda dik ta' MB Distribution Ltd.

75.3.3 Resident fi Triq Depiro Gourgion, qedjitlob li jsirusinjalibojod ma' l-art għal parking.

75.3.4 Il-Kunsill iddiskuta din it-talba imma ġie deċiż li nitkellmu ma dan ir-resident li jekk nagħmlu dawn il-lines ser jonqsu l-parking spaces.

75.3.5 Is- Sindkutixtieqtressaqtalbarigward request ta' resident fejnjixtieq li ssir sleeping policeman fi Vjal it-Trasfigurazzjonifaċċata ta' fejnikunhemm l-pulizijagħassa.

75.3.6 Wara li din ir-request ġiet diskussa ġie deċiż li għandna nistaqsu lir-residenti tal-madwar biex naraw jekk jaqblux.

75.3.7 Din għandha ssir b'ittra lir-residenti u fejn jgħidulna jekk jaqblux jew le.

75.3.8 Residenta li toqgħod Halmann Area xtaqet tressaq talba lill-Kunsill Lokali għal l-għajnuna rigward l-isem ta' triq dan għaliex meta marru jibdlu l-I.D. card dan ma setax isir għaliex ta' l-I.D. card section qalulhom li t-triq ma jisimix 'Limiti ta' Seguna' imma trid tigi 'Sqaq ta' Sejduna'.

75.3.9 Is-Segretarju nfurmat li sadanitant kellimna lil Electoral Office lis-Sur Jeffrey Ellul fejn bagħtilna l-formola u linji gwida.

75.3.10Il-Kunsill approva dan ir-request.

75.3.11 Is-Segretarju ressqet formolaoħra rigward l-isem ta' sqaq fi Triq Annibale Preca biex tiġi approvata.

75.3.12 Il-Kunsill qabel li din għandha ssir Trejqet Annibale Preca.

75.3.13 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ppreżentat petizzjoni minn Triq Ħal Bordibiexjitneħħew id-double yellow lines.

75.3.14 Wara li saret diskussjoni fuq din it-talba ġie deċiż li s-Segretarju flimkien mal-Minority leader, s-Sinjorina Lorraine Farrugia mmorru 'on site' u jiċċekkjaw fuqha.

75.3.15 Resident xtaq jagħmel request biex fi Triq PreziosiSqaqnru 2 ġewwa net quddiem l-entraturatal-garaxxijietissir keep clear biexħadd ma jipparkja.

75.3.16Dan għaliexġie xi ħaddġdidjoqgħodhemm u qediħalli l-karozza fin-nofsjewjkollha l-ħaddiemajaħdmu u jipparkjaw l-vannijietkif jridu u b'hekk l-entraturatal-garaxxijietdejjemqedtkunibblokjatha.

75.3.17Il-Kunsill approva din ir-request unanimament.

75.3.18Resident jixtieq jinforma lill-Kunsill Lokali li fi Sqaq nru.1 Triq il-Kunċizzjoni hemm ħajt li huwa propjeta' tiegħu fejn hu mwaqqa' u jrid jitella'.

75.3.19 Dan ir-resident qal li dan il-ħajt fih ħafna xogħol u spejjes u għalhekk dan ir-resident applika għal fondi tal-ħitan tas-sejjieħ imma għalissa għadu ma rċieva xejn.Hu xtaq jistaqsi lill-Kunsill biex issir sign  ta' danger ukoll.

75.3.20 Il-Kunsill approva li għandha ssir tabella ta' 'Danger'

75.3.21 Resident li joqgħod fi Triq is-Salvatur xtaq jagħmel request għal sign fi Triq biex il-karozzi jipparkjaw bil-bumper il-barra u mhux bil-bumper in-naħa ta' ġewwa fejn id-duħħan ta' diesel jidħol kollu ġo residenza tiegħu.

75.3.22Għal din it-talba, il-Kunsill approva li għandha ssir tabella "Nose to Curb"

75.3.23 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi xtaqettressaqsuġġerimentbiexissirtalbalilElectoral Office biex Triq Znuber, Triqiċ-Ċipress, Daħlet L-Oleander u Triqil-Ponsjetta u Sqaq it-Tut jiġujaqgħutaħt il-konfini ta' Ħal Lija.

75.3.24 Hija qalet li minn dawn it-toroq qed jinħoloq ħafna traffiku ġo Ħal Lija u la hemm *entrance* u l-anqas *exit*u żmien ilu dawn it-toroq kienu jagħmlu parti minn Ħal Lija.

75.3.25 Is-Sindku kompliet tgħid li jekk dawn it-toroq jerġgħu jiġu ma' Ħal Lija tiżdied l-allokazzjoni u  jiżdiedu l-households.

75.3.26 Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment għalhekk għandha tintbagħat request lill-Electoral Office.

75.3.27 Resident qed jagħmel talba biex fi Triq Sant'Andrija sqaq nru1 isiru double yellow lines faċċata tal-garaxx tiegħu wara l-parking bay li hemm.

75.3.28Dan għaliex qed jipparkjaw il-karozzi kważi jibblokjaw l-isqaq u qed tkun impossibli għalih biex jipparkja quddiem il-garaxx u biex anke jagħmel użu minnu.

75.3.29 Dan ir-request ġie diskuss u ġie approvat unanimament.

75.3.30 Resident jixtieq jagħmel request li issa li fetaħ il-bieb tal-garage ma' dar tiegħu fi Triq il-Forn no.69 jixtieq li titranġa l-bankina u jsiru l-lines neċessarji ovvjament li issa sar garage.

75.3.31 Dan ir-request ġie diskuss u wasal għal konklużjoni li din trid issir mir-resident stess billi jagħmel rampa ta' l-injam biex ikun jista jidħol u joħroġ mill-garage.

75.3.32Ġie deċiż ukoll li għandna nistaqsu lit-TM x'inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill f'dan ir-rigward qabel li nkellmu lir-resident.

75.3.33Request mingħand resident biex fejn ic-central strip fi Triq Annibale Preca ħdejn il-Madonna issir tabella li tgħid 'No parking no waiting' peress li ta' spiss jkun hemm xi karozzi li jipparkjaw fuq central strip u minħabba fihom huwa ma jkunx jista' joqgħod sew quddiem il-garaxx u lanqas jidħol jew joħroġ kif suppost.

75.3.34 Il-Kunsill iddiskuta u approva din ir-request.

75.3.35 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi xtaqet tressaq request mingħand is-Sinjuri Scicluna tal-Kmand biex jitwalu l-linji ta' one metre fuq kull naħa tal-garage tiegħu.

75.3.36 Il-Kunsill approva din ir-request.

75.3.37 Tressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-formola li ser tintbagħat lill-għaqdiet dwar l-għotja ta'Ġieh Ħal Lija kif ukoll lista ta' l-għaqdiet biex tiġi kkonfermat mill-Kunsill qabel ma tintbagħat lill-għaqdiet.Iridjiġi stabillit ukoll id-data ta' l-għeluq biex tiġi sottomessa l-formola.

75.3.38 Il-Kunsill approva li għandhom jidħlu l-għaqdiet kollha.

75.3.39Ġie deċiż li peress li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser tkun fl-4 ta'Ġunju 2018, il-formoli tal-Kunsill iridu jaslu sa 1 ta' Ġunju 2018.

75.3.40Tressqet e-mail mingħand residenta fejn qed tgħid li għaddiet mit-Triq Annibale Preca minn fuq ir-road hump li hemm quddiem il-biotechnology centre u għamlet il-ħsara lill-karozza tagħha. Il-ħsara tammonta għal €140.00.

75.3.41 Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment u ma approvax li titħallas din il-*claim* għax dik saret meta saret it-triq Annibale Preca, saret mill-perit u saret biex dak li jkun isslowja.

75.3.42 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li din l-isleeping policeman trid tiġi refreshed max-xogħolijiet ta' refreshing kollha.

75.3.43 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-AKL ser jagħmlu laqgħa ta' taħriġ fl-4 ta' Ġunju 2018 għall-Kunsilliera u s-Segretarju fuq l-adjudication tat-Tenders.

75.3.44 Hija qalet lill-Kunsill li din hija laqgħa important ħafna.

75.3.45 Peress li l-Kunsill kien diġa ddeċieda d-data tal-laqgħa li hija l-4 ta' Ġunju 2018, ra kif għamel biex ibiddel din id-data.

75.3.46 Peress li kien hemm problemi biex tinbidel id-data tal-laqgħa, il-Kunsill iddeċieda li ma jattendix għal dan it-taħriġ u jħalli d-data kif inhi.

75.3.47 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni fuq il-ħajt tal-ground fejn iridu jitwaqgħu l-balavostri u jsir ħajt.

75.3.48 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li dan ix-xogħol irid isir mill-aktar fis possibli għax huwa urġenti ħafna.

75.3.49 Is-Segretarju nfurmat li kif nirċievu ż-żewġ kwotazzjonijet l-oħra, nipproċedu bix-xogħolijiet.

75.3.50 Is-Sindku tkellmet fuq il-proġett li ser isir mill-fondi ta' l-EU.

75.3.51 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill żewġ kwotazzjonijiet fuq il-lampi 'light free pollution' biex kif ġie deċiż jinbidlu l-lampi ta' l-isqaqien.

75.3.52Ġie deċiż li s-Segretarju flimkien mas-Sinjorina Lorraine Farrugia għandhom imorru 'on site' biex naraw kemm hemm bżonn fanali li jridu jinbidlu.

75.3.53Ġie deċiż ukoll li jekk ser jinbidel fanal wieħed ġo l-isqaq għandhom jinbidlu ta' l-fanali kollha ta' dak l-isqaq.

75.3.54 Is-Segretarju nfurmat li dan il-proġett irid isir bil-perit.

75.3.55Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li beda l-ħaddiem il-ġdid mill-RSSLis-Sur George Sammut, u sejjer tajjeb ħafna.

75.3.56 Is-Segetarju nfurmat lill-Kunsill li l-ġurnata ta' qabel irċeviet telefonata oħra mingħand id-District Operations fejn staqsa jekk il-Kunsill għandux bżonn ħaddiem ieħor.

75.3.57 Hija qalet li ltaqgħet mal-ħaddiem il-ġdid, is-Sur Bjorn Borg u ser jibda jaħdem tal-Kunsill minn nhar it-Tnejn 14 ta' Mejju 2018.

75.3.58 Is-Segretarju nfurmat li nhar it-Tnejn 14 ta' Mejju 2018 ser jiġu l-ħaddiema ta' l-RSSL u flimkien mal-ħaddiema tal-Kunsill għandhom pjan ta' ħidma mar-raħal kollu.

75.3.59 Hija fakkret lill-Kunsill li dawn ser ikollhom il-van li l-Kunsill iddeċieda li jikri għal dawn l-erbgħa ġimgħat.

75.3.60Is-Segretarju reġgħet staqsiet lill-Kunsill fuq aktar xogħolijiet fir-raħal.

75.3.61Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li l-paviment tal-Mitħna irid jinbidel xi ċangaturi u dawn jistgħu jagħmluhom il-ħaddiema tal-Kunsill flimkien ma' ta' l-RSSL.

75.3.62 Hija qalet li għandna nitkellmu mal-Perit David Vassallo qabel biex naraw huwiex ser jagħmlu dawn ix-xogħolijiet huma.

75.3.63 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li hija flimkien mas-Segretarju kienu marru għall-laqgħa fir-Reġjun Ċentru fuq il-proġetti ta' l-EU.

75.3.64 Hija qalet li f'din il-laqgħa kienu preżenti żewg rappreżentanti fuq l-*EU projects* imqabbdin mir-Reġjun Ċentru fejn ser jgħinu lill-Kunsilli jaraw x'inhu l-aħjar proġett għalihom.

75.3.65 Is-Sindku, infurmat lill-Kunsill li f'din il-laqgħa aħna tkellimna fuq il-ħtiġijiet kollha tar-raħal fejn jidħlu proġetti.

75.3.66 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq l-istat ħażin ta' Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela u qalet li kellna nitkellmu mal-Blokrete biex naraw kif jista jgħina nirranġaw din it-triq.

75.3.67Għandna inkejlu din it-triq u nitkellmu mal-Blokrete.

75.3.68Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ser teħodha f'idejha biex tara li din it-triq titkejjel.

75.3.69 Is-Segretarju nfurmat li wara li erġajna bagħtna e-mail lill-Ministru Ian Borg fuq is-sitwazzjoni tat-toroq ġo Ħal Lija, ir-risposta kienet li bħalissa qed jiġu rranġati t-toroq arterjali u iktar tard fis-sajf ser jibdew bil-proġett tat-toroq residenzjali.

75.3.70 Il-Kunsill talab li ssir laqgħa mal-Ministru Ian Borg imma ġejna nfurmati li għalissa għalxejn ssir laqgħa.

75.3.71Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tat *update* dwar *l-Erasmus Project* fejn infurmat li qeda fil-process torganizza l-APV meeting li ser isir bejn it-28 ta' Ġunju sa l ta' Lulju 2018.

75.3.72Sadanitant qed tiġbor in-nies biex jieħdu sehem f'dan il-proġett.

75.3.73Is-Sinjorina Stephanie Cutajar ressqet ilment li hemm residenza li qed toħroġ iż-żibel kull ħin.

75.3.74Għandha tintbagħat notice għand din ir-residenza bit-*time table* ta' ġbir ta' skart.

75.3.75 Is-Segretarju ressqet ilment li qed nirċievu ħafna ilmenti fuq il-*gabs*li hemm fir-rubber tal-ground iż-żgħir taċ-Ċentru Rekreattiv.

75.3.76 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li peress li ma nistawx nagħmluMulti Purpose Pitch mill-fondi tal-UIF għandna nitkellmu mal-Forestals li kienu għamlu r-rubber ta' dan il-pitch snin ilu biex naraw x'jista' jsir biex insolvu din il-problema.

75.3.77Is-Segretarju nfurmat li fi Triq it-Trasfigurazzjoni xi ħadddaħal ġo fanal*hit and run* u kissru.

75.3.78Hija nfurmat lil l-Insurance brokers fejn irid isir rapport tal-Pulizija u l-kwotazzjonijiet ta' kemm jiswa l-fanal bit-tqiegħed b'kollox.

75.3.79 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li bħal ma diġa kienu jafu, hija ser tirtira mix-xogħol din is-sena.

75.3.80 Hija nfurmat li l-aħħar ġurnata tax-xogħol ser tkun it-28 ta' Settembru u mbagħad toħroġ bil-leave meta jiġi approvat mid-Direttur tal-Gvern Lokali u l-leave li ikun fadlilha.

75.3.81 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed jinsisti li ghandu jinbeda l-proċess għal-Segretarju Ezekuttiv gdid immedjetament biex ikun hemm bizzejjed hin biex tinghata hand over kif suppost.

75.3.82 Is-Segretarju ppreżentat lista tal-Planning Authority applications fuq il-mejda tal-Kunsill biex il-Kunsill jara jekk iridx li jsiru xi rakkomadandazzjonijiet.

75.3.83Fuq PA04093/18 site fi Triq Sir Ugo Mifsud ġie deċiż li ma jsirux rakkomandazzjonijiet.

75.3.84Fuq PA/03785/18 site fi sqaq ta' Sejduna il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

75.3.85 Fuq PA/03712/18 site fi sqaq ta' Sejduna, il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

75.3.86 Fuq PA/03426/18 fi Triq Pantar, il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

## 75.4 PREPARAZZJONI FUQ JUM ĦAL LIJA

75.4.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill bl-aħħar update ghal Jum Hal Lija

75.4.2 Hija qalet li nfurmat lill-Kappillan minħabba l-quddies ta' ringrazzjament, qalet ukoll li kellmuha tal-Banda fuq din l-annual event.

75.4.3 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qed tisuġġerixxi li jsir simili bħal tas-sena l-oħra li kienet suċċess.

75.4.4 Is-Sindku staqsiet lill-Kunsilliera jekk għandhomx xi suġġeriment lil min għandhom f'moħħhom biex tingħata Ġieħ Ħal Lija.

75.4.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tat is-suġġeriment tagħha.

75.4.6 Ġiet approvata l-ittra li ser tintbagħat lill-għaqdiet biex jissuġġerixxu lil min iridu jagħtu Ġieħ Ħal Lija. Dan iridu jagħmluh sa l- 1 ta' Ġunju 2018.

75.4.7 Ġie deċiż li lil l-għaqdiet għandna ngħidulhom biex iressqu lil min jixtiequ li jingħata Ġieħ Ħal Lija imma mhux bilfors ser jintagħżel lil min ikunu innominaw huma.

75.4.8 Bħala programm ġie deċiż li jista jsir bħal tas-sena l-oħra għax kien suċċess.

75.4.9 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi għandha tkompli taħdem fuq din l-attivita'.

## 75.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

75.5.1 Twegibiet u mistoqsijiet tal-kunsilliera ma kienx hemm.

## 75.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI U L-PETTY CASH

75.6.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti.

75.6.2 Fuq proposta tas-sur Massimo Scerri sekondat mill-Viċi Sindku is-Sinjorina Stephanie , il-pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2018ġew approvati unanimament.

75.6.3 Skeda tal-petty cash ma gietx ipprezentata waqt din il-laqgha.

## 75.7 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

75.7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-07.00p.m.uġiet aġġornata għallaqgħa li ser issir nhar it-Tnejn 4 ta’ Gunju 2018,fil-5.00pm.

75.7.2 Datigħall-laqgħat għax-xahar ta’ Lulju 2018 li ser tkun nhar it-Tnejn 9 ta’ Lulju 2018 fil-5:00p.m. u laqgha ohra fil-31 ta’ Lulju 2018 fil-5:00p.m.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Magda Magri Naudi<br>Sindku | Georgette Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |